# PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**29 TA' SETTEMBRU 2022**

**Kawza Numru: 2**

**Rik. Gur. 758/2016 RGM**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**(C 2833)**

**vs.**

**Marlon Bonello u Victoria Bonello**

**(K.I. 25783 (M) u 464884 (M))**

**Il-Qorti:**

Din hi sentenza dwar talba tal-bank attur sabiex jirkupra mingħand il-konvenuti flus li kien silifhom f'diversi okkażżjonijiet sabiex jixtru immobbli, sabiex jiffinanzjaw in-negozju tagħhom u għall-ħtiġijiet personali. Il-konvenuta tallega li ma kenitx taf x'għamel bil-flus żewġha iżda tallega li ammont sostanzjali minn dak mitlub jirrappreżenta flejjes li inġibdu mhux bil-firma tagħha jew ta' żewġha iżda b'firma ta' terza persuna.

**Preambolu**.

Rat ir-**rikors ta' Bank of Valletta p.l.c.** ipprezentat fit-31 t'Awwissu, 2016 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

"1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'zewg kuntratti, wiehed datat 14 ta' Ottubru 2011, maghmul fl-atti tan-Nutar Dottor Sam Abela (Dok. "A"), u iehor datat 8 ta' Frar, 2013, maghmul fl-atti tan-Nutar dottor Anthony Abela (Dok "B"), kif ukoll f'zewg skritturi privati datati 9 ta' frar, 2012 (Dok. "C") u 21 ta' gunju 2014 (Dok. "D"), is-socjeta` attrici kkoncediet facilitajiet bankarji lil Marlon u Victoria mizzewgin Bonello;

2. Illi s-socjeta` attrici tinsab kreditrici tal-konvenuti Marlon u Victoria mizzewgin Bonello fis-somma ta' mija u sebgha u ghoxrin elf, tmin mija u tnax -il Ewro u erbgha u hamsin centezmu (€127,812.54) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan u Overdraft Accounts"* ta' Marlon u Victoria mizzewgin Bonello mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "E", "F1 sa F3", "G1 sa G2" u "H1 sa H2") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-5 ta' Awwissu 2016 sad-data tal-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u skritturi fuq imsemmija (u hawn ezibiti bhala Dokument "A", "B", "C" u "D"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Marlon u Victoria mizzewgin Bonello:

(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skritturi (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Marlon u Victoria mizzewgin Bonello li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

4. Illi l-attrici nomine taf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

5. Illi l-konvenuti Marlon u Victoria mizzewgin Bonello gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata 22 ta' Dicembru 2015, li kopja taghha qed tigi hawn ezibita u immarkata Dok '1' sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda huma baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu l-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din il-qorti tilqa' t-talbiet tas-socjeta` attrici li qeghda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u skritturi fuq imsemmija (u hawn ezibiti bhala Dokument "A", "B", "C" u "D") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Marlon u Victoria mizzewgin Bonello (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skritturi, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Marlon u Victoria mizzewgin Bonello li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici, u

2. tikkundanna lil Marlon u Victoria mizzewgin Bonello jhallsu flimkien u *"in solidum"* bejniethom lis-socjeta` attrici s-somma ta'

mija u sebgha u ghoxrin elf, tmin mija u tnax -il Ewro u erbgha u hamsin centezmu (€127,812.54) bilanc ghad-debitu fil-*"loan u Overdraft Accounts"* ta' Marlon u Victoria mizzewgin bonello mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "E", "F1 sa F3", "G1 sa G2" u "H1 sa H2") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-5 ta' Awwissu 2016 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 22 ta' Dicembru 2005 u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi pprezentat kontra l-konvenuti li huma ingunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni."

Rat ir-**Risposta Ġuramentata tal-konvenuta Victoria Bonello** ippreżentata fit-18 ta' Jannar, 2017 fejn ġie eċċepiet:

"1. Illi hija qatt ma giet notifikata fl-indirizz fejn qed toqghod, u dan peress li tinsab f'kawza ta' separazzjoni minn zewgha Marlon Bonello, u qed twiegeb ghal din il-kawza biss fuq il-bazi tal-avviz fil-gurnal tat-30 ta' Dicembru, 2016.

2. Illi hija ma tafx x'ghamel zewgha, ghalkemm taf li ghandu dejn u kapricci, tant li spiccat barra mid-dar peress li nqata' d-dawl u l-ilma minhabba kontijiet, imma l-Bank attur ghandu responsabbilita` peress li sarraf diversi cheques f'ammonti li

jissupperaw €72400, u dan minghajr il-firma taghha jew tal-konvenut, imma b'firma ta' terz.

3. Illi l-esponenti m'ghandhiex tirrispondi ghall-atti ta' haddiehor u li jmorru kontra l-kuntratt li hemm bejnha u bejn il-Bank attur.

Salvi eccezzjonijiet ohra."

Il-konvenut Marlon Bonello debitament notifikat bir-rikors ġuramentat ma ppreżenta l-ebda risposta ġuramentata u għalhekk waqa' fi stat ta' kontumaċja.

Rat il-provi mressqa mill-partijiet.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-bank attur ippreżentata fis-6 ta' Jannar 2022 filwaqt li osservat li l-konvenuti ma ppreżentaw l-ebda nota ta' sottomissjonijiet nonostante li ingħataw terminu għal dan il-għan.

Rat illi l-kawża tħalliet għallum għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**Fatti Rilevanti għall-Kawża**.

Lura fl-14 ta' Ottubru 2011 il-bank attur (**il-Bank**) ikkonċeda lill-konvenuti faċilita' bankarja konsistenti f'self tas-somma ta' tnejn u sittin elf ewro (€62,000) sabiex setgħu jixtru l-appartament internament markat bin-numru 9 formanti parti minn blokk ta' appartamenti bin-numru uffiċjali 90, Magdalene Court, Triq il-Wied ta' l-Imsida, l-Imsida.[1]

Fid-9 ta' Frar 2012, fuq talba tal-konvenuti, l-bank ħareġ *sanction letter* li permezz tagħha silef lill-konvenuti is-somma ulterjuri ta' ħmistax-il elf ewro (€15,000) liema self hu deskritt bħala "Loan to Finance Personal Requirements.". Din il-faċilita' ingħatat mingħajr ebda garanziji (unsecured) filwaqt li l-ammont misluf kellu jitħallas lura fi żmien seba' snin. Din is-*sanction letter* ġiet iffirmata miż-żewġ konvenuti.[2]

Fit-8 ta' Frar 2013 ġie ppubblikat kuntratt ta' self fil-forma ta' *overdraft* li permezz tiegħu il-Bank ta' din il-faċilita' ta' self lill-konvenuti bil-kondizzjoni illi l-l-bilanc dovut taħt din il-faċilita' ma kellux jaqbeż l-ammont ta' tletin elf ewro (€30,000).[3]

---

[1] Kopja f'paġna 6 et seq tal-proċess
[2] Kopja f'paġna 21 et seq tal-proċess
[3] Kopja f'paġna 14 et seq tal-proċess

Il-konvenuti ħadu wkoll mingħand il-Bank faċilita' bankarja oħra konsistenti fi Credit Card.[4]

Jirriżulta mill-atti illi ż-żewġ konvenuti flimkien iffirmaw kemm l-'Opening of Account Form' kif ukoll l-'Appointment of Bankers Joint Account Form' minn fejn jirriżulta illi ż-żewġ konvenuti kienu qablu li l-faċilitajiet konċessi mill-Bank kienu operabbli **'Any one of us to sign'. Intrabtu wkoll il-konvenuti illi jkunu solidalment responsabbli għas-self lilhom konċess mill-Bank.**

Jirriżulta illi f'xi żmien inqalgħu problemi matrimonjali bejn il-konjugi Bonello bil-proċeduri quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja). In-negozju li kellhom il-konvenuti kien jikkonsisti f'ħanut ġestit mill-konvenut. Meta nqala' l-inkwiet matrimonjali jidher li l-konvenut għadda l-ġestjoni tal-ħanut lill-membru tal-familja tiegħu u beda jidher li kien biss impjegat fil-ħanut.

Dan wassal għall-akkużi da parti tal-konvenuta fil-konfront ta' żewgħa l-konvenut li kien qed jifrodaha. Il-konvenuta għamlet kwerela mal-Kummissarju tal-Pulizija kontra żewġha u kontra ommu b'din ta' l-aħħar tammetti illi kien veru li kienet iffirmat numru ta' cheques li suppost kellu jiffirma l-konvenut binha. Tgħid pero' illi dan għamlitu għaliex kien awtorizżaha binha sabiex tħallas il-fornituri tal-merkanzija konsenjata fil-ħanut.

[4] Credit Card Loan Account numru 40022561066

F'dan ix-xenarju l-pagamenti lill-Bank waqfu.

Peress li wara li ġew interpellati uffiċjalment mill-Bank sabiex iħallsu l-bilanċi dovuti il-konvenuti baqgħu inadempjenti, l-Bank intavola l-kawża odjerna sabiex jirkupra mingħand il-konvenuti l-ammont bilanċjali dovut.

**L-Eċċezzjonijiet tal-Konvenuta Victoria Bonello (Il-Konvenuta)**

Permezz tal-ewwel eċċezzjoni tagħha l-Konvenuta tilmenta li hija ma ġietx notifikata fl-indirizz fejn toqgħod peress li kienet għaddejja minn proċeduri ta' separazzjoni minn ma' żewġha u li kienet qed twieġeb għall-kawża peress li n-notifika saret permezz tal-pubblikazzjoni u affissjoni u rat l-avviż relattiv fil-ġurnal tat-30 ta' Diċembru 2016.

Fil-verita' din ma hiex eċċezzjoni u għalhekk ma teħtieġ l-ebda deliberazzjoni.

Permezz tat-tieni eċċezzjoni tagħha l-Konvenuta teċċepixxi illi hi ma tafx x'għamel żewġha għalkemm taf li għandu dejn u kapriċċi. Teċċepixxi wkoll li l-Bank għandu "responsabbilita' peress li sarraf diversi cheques f'ammonti li jissuperaw €72,400 u dan mingħajr il-firma tagħha jew tal-konvenut imma b'firma ta' terz."

Fi kliem ieħor qed tallega illi l-ammont indikat minnha inġibed abbużivament minn terzi u mhux minnha jew minn żewġha l-konvenut l-ieħor u li allura dan l-ammont ma hux dovut mill-konvenuti

Jirriżulta illi din l-allegazzjoni l-konvenuta kienet għamlitha wkoll mal-Pulizija tant li wara kwerela minnha ppreżentata kienu saru investigazzjonijiet mill-Pulizija fir-rigward.

Fl-atti ġew eżebiti il-korrispondenza li għaddiet bejn il-Pulizija u l-Bank waqt l-investigazzjoni ta' dak allegat mill-konvenuta fil-kwerela tagħha. Il-Bank intalabt diversi dokumenti waqt dik l-investigazzjoni inkluż kopja tac-cheques li l-konvenuta allegat li ma kienux iffirmati la minnha u lanqas minn żewġha.

**L-Ispettur Yvonne Farrugia** xhedet illi l-Pulizija kienu rċevew kwerela mingħand il-konvenuta Victoria Bonello fejn kienet talbet lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga sew lil żewġha kif ukoll lill-omm żewġha, Mary Bonello, fejn kienet allegat li kienu saru diversi firem foloz da parti ta' Mary Bonello fuq numru ta' cheques sabiex inġibdu flejjes mill-*overdraft account.*

Mill-investigazzjoni li għamlet l-Ispettur kien irriżultalha illi Mary Bonello kienet taħdem fil-ħanut ta' binha u li bil-kunsens ta' binha

hija kienet tiffirma c-cheques sabiex jitħallsu l-fornituri tal-merkanzija għall-ħanut. Fuq ic-cheques kienet tiffirma "M Bonello". Skond l-Ispettur Farrugia, Mary Bonello ċaħdet li hija iffirmat cheques minn dak il-kont sabiex tieħu l-flus hi.

Fil-fatt Mary Bonello kienet tressqet il-Qorti fl-2016 akkużata b'falsifikazzjoni iżda mhux ta' frodi. Fuq ammissjoni il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali b'sentenza tal-11 ta' April 2017 kienet sabet lil Mary Bonello ħatja ta' falsifikazzjoni u ġiet liberata bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn.

Ma jirriżultax illi l-konvenuta qatt talbet lill-Bank sabiex iwaqqaf il-faċilita' ta' *overdraft* u lanqas jirriżulta illi inġibdu xi flus mill-overdraft accounts mhux għall-finijiet tan-negozju. Għalkemm ġew eżebiti kopji tac-cheques in kwistjoni, l-konvenuta ma resqet l-ebda prova li xi wieħed jew aktar minnhom ma kienux indirizzati lill-fornituri tal-ħanut. Għall-kuntrarju xhedet illi hija taf illi ic-cheques kollha li inħarġu mill-overdraft account kienu sabiex jitħallsu l-fornituri tal-merkanzija konsenjati fil-ħanut.[5]

Fi kwalunkwe każ, sakemm ma jiġix ippruvat illi l-Bank kien jaf li qed jonora cheques b'firem foloż ma tistax il-konvenuta tinqeda bil-*modus operandi* ta' bejn żewġha u ommu sabiex ma tirrifondiex

[5] Ara xhieda tal-konvenuta waqt is-seduta tal-20 ta' Ġunju 2019

flimkien ma' żewgħa il-bilanċ tal-overdraft; aktar u aktar meta ġie ppruvat illi ic-cheques kollha inħarġu sabiex jitħallsu l-fornituri tal-merkanzija, proprju l-iskop dikjarat mill-partijiet meta applikaw għall-faċilita' ta' overdraft.

Finalment issir referenza għad-dikjarazzjoni li saret mill-konvenuta tramite l-avukat difensur tagħha waqt is-seduta tas-16 ta' Ġunju 2017:

> "Dr Brincat jinforma lill-Qorti li t-tieni eċċezzjoni tal-intimata ma tikkontjeniex allegazzjoni ta' frodi kontra l-Bank jew l-ufficjali tagħha u l-uniku allegazzjoni ta' frodi qegħda fil-konfront ta' Marlon Bonello u ommu Mary Bonello."

Hija l-konvenujta stess li tiddikjara illi fir-rigward ta' dak kollu minnha allegat dwar frodi ma hemm xejn dirett lejn il-bank jew l-uffiċjali tagħha. Kieku għas-saħħa tal-argument irriżulta negligenza grossolana da parti ta' uffiċjali tal-Bank kienet tapplika l-massima "culpa lata dolo aequiparatur".

Il-fatt li l-konvenuta stess għamlitha ċara illi dwar l-ilmenti tagħha ta' frodi xejn ma qed jiġi imputat kontra l-Bank, isegwi illi kwalunkwe pretensjoni fir-rigward għandhom jiġu diretti mill-konvenuta kontra min il-konvenuta tallega li ffrodaha iżda mhux kontra l-Bank kif ittentat tagħmel bil-mezz tat-tieni eċċezzjoni tagħha.

Stabbilit illi l-ebda nuqqas da parti tal-Bank ma ġie ippruvat, isegwi illi t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuta ma hiex mistħoqqa u qed tiġi miċħuda.

It-tielet eċċezzjoni taqra' kif ġej: "3. Illi l-esponenti mgħandiex tirrispondi għall-atti ta' ħaddieħor u li jmorru kontra l-kuntratt li hemm bejnha u bejn il-Bank attur."

Huwa ammess mill-konvenuta illi hija għandha rabta kontrattwali mal-Bank b'konsegwenza tal-faċilitajiet bankarji konċessi lilha u lill-żewġha. Dwar l-atti ta' ħaddieħor li qed tirreferi għalihom il-konvenuta f'din l-eċċezzjoni tagħha jiġi osservat dan li ġej. Il-konvenuta ma resqet l-ebda prova sabiex turi illi l-flus li inġibdu ma marrux għall-iskop li għalih dawk il-flus ġew mislufa.

Fi kwalunkwe każ, l-aġir da parti tal-konvenut u ommu fit-tħaddim tac-cheque book abbinat mal-faċilita' overdraft ma jistax jiskolpa lill-konvenuta mill-obbligu kontrattwali li hija solidalment ma' żewġħa għandha versu l-Bank sabiex trodd lura l-flus li ġew mislufa.

Fil-verita' din it-tielet eċċezzjoni tista' tgħid li hi ripetizzjoni għal dik ta' qabilha u għalhekk għall-istess raġunijiet qed tiġi respinta.

**Mertu**.

Dwar l-ammont reklamat mill-bank, apparti l-kuntratti u s-sanction letters li għalihom saret referenza aktar qabel, ġew eżebiti wkoll statements li juru l-bilanċi dovuti.[6] Ma tresqu l-ebda provi sabiex jikkontrastaw il-komputazzjonijiet kontenuti f'dawn l-istatements.

[6] Dok E, Dok F1, Dok F2, Dok G1, Dok G2, Dok H1, Dok H2 minn paġna 28 sa paġna 35 tal-proċess.

Il-Qorti għalhekk tqis illi ġie sodisfaċentement ippruvat mill-Bank illi l-ammonti minnu reklamati f'din il-kawża jirrappreżentaw il-bilanċi dovuti fuq is-self kollu li sar mill-Bank lill-konvenuti.

Ġie ampjament ippruvat illi l-konvenuti waqfu jħallsu l-pagamenti mensili sabiex iħallsu lura s-self in kwistjoni u għalhekk ai termini tal-istess kuntratti tilfu l-benefiċċju tat-terminu lilhom hemm konċess u l-bilanċi kollha llum jinsabu dovuti wara li l-bank interpella uffiċjalment lill-konvenuti b'ittra uffiċjali tat-22 ta' Diċembru 2015.

**Decide.**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi fil-kontumaċja tal-konvenut Marlon Bonello;

1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuta Victoria Bonello;

2. Tilqa' l-ewwel talba attriċi, tiddikjara illi l-konvenuti naqsu milli jħallsu l-poagamenti dovuti lill-Bank attur kif stipulat fil-kuntratti u skritturi fuq imsemmija u għalhekk il-bilanċ sar kollu dovut;

3. Tilqa' t-tieni talba attriċi, tikkundanna lill-konvenuti Marlon u Victoria mizzewgin Bonello jhallsu flimkien u *"in solidum"*

bejniethom lill-Bank attur is-somma ta' mija u sebgħa u għoxrin elf, tmin mija u tnax -il Ewro u erbgħa u ħamsin centezmu (€127,812.54), bilanċ għad-debitu fil-*"loan u Overdraft Accounts"* ta' Marlon u Victoria mizzewgin Bonello mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien mal-imghax legali mill-5 ta' Awwissu 2016 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali tat-22 ta' Diċembru 2005 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju, kontra l-konvenuti.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
29 ta' Settembru 2022

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**